



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta' Marzu 2019
(OR. en)

7809/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0083 (NLE)

ENV 338
WTO 85

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	21 ta' Marzu 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 146 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-18-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CoP18 tas-CITES)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 146 final.

Mehmuż: COM(2019) 146 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.3.2019
COM(2019) 146 final

2019/0083 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-18-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CoP18 tas-CITES)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fit-18-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CoP18 tas-CITES) b'konnessjoni mal-adozzjoni prevista ta' deċiżjonijiet, fost affarijiet oħra, li jemendaw l-Appendiċi għall-Konvenzjoni.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu

Il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu ("il-Konvenzjoni" jew CITES) għandha l-għan li tipproteġi annimali u pjanti selvaġġi kontra sfruttament żejjed permezz tal-kummerċ internazzjonali. Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1975.

L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri kollha tagħha huma Partijiet għall-Konvenzjoni¹.

2.2. Il-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni

Stabbilita skont l-Artikolu XI tal-Konvenzjoni, il-Konferenza tal-Partijiet (CoP) hi l-korp ta' tmexxija tal-Konvenzjoni. Il-CoP tiltaqa' kull sentejn tlieta biex tirrevedi l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni. B'mod partikolari, tikkunsidra u tadotta proposti biex temenda l-listi ta' speċijiet fl-Appendiċi I u II tal-Konvenzjoni. Il-CoP tqis ukoll dokumenti ta' diskussjoni u rapporti mill-Partijiet, mill-kumitati permanenti, mis-Segretarjat u mill-gruppi ta' ħidma, u tirrakkomanda miżuri biex tittejjeb l-effettività tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni.

Kemm jista' jkun, il-CoP tiddeċiedi dwar proposti għal emendi tal-Appendiċi I u II b'kunsens. Meta l-CoP ma tilħaqx kunsens, id-deċiżjonijiet jitpoġġew għal vot u jistgħu jiġu adottati b'maġġoranza ta' żewġ terzi tar-rappreżentanti preżenti u li jivvotaw skont l-Artikolu XV(1)(b) tal-Konvenzjoni. Kull Parti għandha vot wieħed, ħlief organizzazzjonijiet tal-integrazzjoni ekonomika reġjonali li, fl-oqsma tal-kompetenza tagħhom, għandhom id- "dritt li jivvutaw b'numru ta' voti ugwali għan-numru tal-Istati Membri tagħhom li huma Partijiet għall-Konvenzjoni" skont l-Artikolu XXI(5) tal-Konvenzjoni. L-Unjoni u l-Istati Membri jeżerċitaw id-drittijiet tal-vot tagħhom b'mod alternattiv, skont is-suġġett tad-deċiżjoni li għandha tittieħed. Dwar deċiżjonijiet biex jiġu emendati l-Appendiċi, id-drittijiet tal-vot huma eżerċitati mill-Unjoni, minħabba li l-Appendiċijiet tas-CITES huma trasposti fil-leġislazzjoni tal-Unjoni rilevanti².

2.3. Id-deċiżjonijiet previsti tal-Konferenza tal-Partijiet

Bejn it-23 ta' Mejju u t-3 ta' Ġunju 2019, matul it-18-il laqgħa tagħha, il-Konferenza tal-Partijiet għandha tiddeċiedi dwar 57 proposta biex temenda l-Appendiċi tas-CITES ("proposti ta' elenkar"). L-iskop li jiġu inklużi (gruppi ta') speċijiet partikolari fl-Appendiċijiet huwa li jkun hemm monitoraġġ u regolamentazzjoni (Appendiċi II) jew li jkun hemm projbizzjoni b'mod ġenerali (Appendiċi I) ta' negozjar kummerċjali f'dawk l-ispeċi.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/451 tas-6 ta' Marzu 2015 dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES) (ĠU L 75, 19.3.2015, p. 1-3).

² Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom, ĠU L 61, 3.3.1997, p. 1, u l-atti ta' implimentazzjoni rilevanti.

Bħala partijiet integrali tal-Konvenzjoni, l-Appendiċijiet huma legalment vinkolanti. Skont l-Artikolu XV(1)(c) tal-Konvenzjoni, l-emendi deċiżi mill-CoP isiru applikabbli fi żmien 90 jum mit-tmiem tal-CoP.

3. IL-POŻIZZJONI LI TRID TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Bħala Parti għall-Konvenzjoni, l-Unjoni għandha tiegħu pożizzjoni dwar kull waħda mill-proposti ta' elenkar kif ukoll fuq id-diversi abbozzi ta' deċiżjonijiet oħra fuq l-aġenda tal-CoP. Il-proposti ta' elenkar – inkluż dawk li ġew sottomessi mill-Unjoni nnifisha – kif ukoll id-deċiżjonijiet proposti l-oħrajn tal-CoP ġew riveduti minn esperti mill-Kummissjoni u l-Istati Membri, inkluż fir-rigward tal-impatti potenzjali tagħhom fuq ir-regoli u l-politiki rilevanti tal-Unjoni. Il-pożizzjoni proposta mill-Kummissjoni hija bbażata fuq dawn id-diskussjonijiet ta' esperti, li saru fil-kuntest tal-gruppi ta' esperti rilevanti tal-Kummissjoni.

Il-proposti ta' elenkar kif ukoll bosta mill-abbozzi tad-deċiżjonijiet l-oħra tal-CoP jistgħu jaffettwaw ir-regoli tal-UE jew jibdlu l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom, l-aktar minħabba li jkun jinvolve emendi għal leġiżlazzjoni rilevanti u r-regoli ta' implimentazzjoni tal-Unjoni. Bidliet fl-Appendiċi tal-Konvenzjoni jeħtieġ li jġu riflessi fl-acquis tal-UE, permezz ta' bidliet korrispondenti għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 u, fejn rilevanti, mir-Regolamenti ta' implimentazzjoni. Dan se jirriżulta fl-istabbiliment jew fit-tneħħija ta' restrizzjonijiet għall-kummerċ mill-UE, fiha jew madwarha għall-ispeċijiet ikkonċernati minn dawn il-bidliet.

Il-Kummissjoni tinsab f'kuntatt regolari ma' partijiet ikkonċernati li għandhom interess fi kwistjonijiet koperti mill-Konvenzjoni, bħal organizzazzjonijiet mhux governattivi ambjentali, rappreżentanti ta' setturi tan-negozju involuti fil-kummerċ jew fl-użu ta' prodotti ta' fawna selvaġġa, u organizzazzjonijiet tal-kaċċa jew tas-sajd. Fid-29 ta' Jannar 2019, is-servizzi tal-Kummissjoni kellhom laqgħa konsultattiva speċifika mal-partijiet ikkonċernati interessati sabiex jiksibu l-fehmiet tagħhom dwar il-kwistjonijiet li qed jġu diskussi għall-CoP18 tas-CITES. Il-kontribut ipprovdut mill-partijiet interessati ġie kkunsidrat bix-xieraq mill-Kummissjoni fl-abbozzar tad-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta.

Analiżijiet ulterjuri tal-proposti tal-CoP jitwettqu mis-Segretarjat tas-CITES u minn esperti minn organizzazzjonijiet speċjalizzati bħall-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura (IUCN), TRAFFIC, u l-Bord Konsultattiv Espert tal-FAO għall-valutazzjoni ta' proposti ta' emenda għall-elencar tal-ispeċi CITES. Ħafna minn dawn l-analiżijiet ma kinux disponibbli fil-ħin għall-proposta tal-Kummissjoni; kollha għandhom jġu kkunsidrati bis-sħiħ meta l-proposta tiġi diskussa mal-Istati Membri fil-Kunsill.

Bosta dokumenti ta' ħidma għall-CoP 18 tas-CITES ma kinux disponibbli kmieni biżżejjed biex il-Kummissjoni tipproponi pożizzjoni tal-Unjoni bħalissa. Il-Kummissjoni għalhekk tipproponi li l-pożizzjoni dwar dawk il-kwistjonijiet tiġi stabbilita waqt id-diskussjonijiet fil-grupp ta' ħidma tal-Kunsill, jew matul il-laqgħa tal-CoP għal dokumenti li jsiru disponibbli dakinhar.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu “*l-pożizzjonijiet li għandhom jġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede*

stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”

Il-kunċett ta’ “*atti li jkollhom effetti legali*” jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw is-sede kkonċernata. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “*jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġislazzjoni adottata mil-leġislatura tal-Unjoni*”³.

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Il-Konferenza tal-Partijiet hija korp stabbilit bi ftehim, jiġifieri s-CITES.

Bosta mill-atti li l-CoP hija mitluba tadotta jikkostitwixxu atti li għandhom effetti legali. L-Appendiċijiet emendati, li huma parti integrali tal-Konvenzjoni, se jkunu vinkolanti skont il-liġi internazzjonali. Uħud mid-deċiżjonijiet l-oħra tal-CoP jistgħu jinfluwenzaw b’mod deċiżiv il-kontenut tal-leġislazzjoni tal-UE, partikolarment ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta’ speċi ta’ fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom, u r-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 792/2012 li jstipula regoli għat-tfassil ta’ permessi, ċertifikati u dokumenti oħrajn ipprovduti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta’ speċi ta’ fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006. Dan għaliex iż-żewġ atti huma allinjati mill-qrib mar-regoli rilevanti għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni kif deċiż mill-CoP.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali tad-deċiżjoni proposta hi l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-għan u mill-kontenut tal-att previst li dwarhom tittieħed pożizzjoni f’isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew ikollu żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista’ jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

Fir-rigward ta’ att previst li jkollu għadd ta’ objettivi f’daqqa, jew li jkollu diversi komponenti, li jkunu marbuta b’mod inseparabbli mingħajr ma wieħed ikun inċidentali għall-ieħor, il-bażi ġuridika sostantiva ta’ deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE jkollha tinkludi, b’mod eċċezzjonali, id-diversi bażijiet ġuridiċi korrispondenti.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Id-deċiżjonijiet tal-CoP previsti għandhom objettivi u komponenti fil-qasam tal-“ambjent” u tal-“kummerċ”. Dawn l-elementi tal-att previst huma marbuta b’mod inseparabbli ma’ xulxin u l-ebda wieħed minnhom ma hu inċidentali għall-ieħor.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hi magħmula mid-dispożizzjonijiet li ġejjin: l-Artikoli 192(1) u 207.

³ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014, il-Ġermanja vs il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi minn 61 sa 64.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikoli 192(1) u 207 flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-18-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CoP18 tas-CITES)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 192(1) u 207(3) u (4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu ("il-Konvenzjoni") ġiet konkluża mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/451 tas-6 ta' Marzu 2015⁴ u daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1975.
- (2) Skont l-Artikolu XI(3) tal-Konvenzjoni, il-Konferenza tal-Partijiet tista', fost affarijiet oħra, tadotta deċiżjonijiet biex ikunu emendati l-Appendiċijiet għall-Konvenzjoni.
- (3) Il-Konferenza tal-Partijiet, matul it-18-il laqgħa tagħha mit-23 ta' Mejju sat-3 ta' Ġunju 2019, għandha tadotta deċiżjonijiet dwar 57 proposta li jemendaw l-Appendiċijiet, kif ukoll dwar bosta kwistjonijiet oħra dwar l-implimentazzjoni u l-interpretazzjoni tal-Konvenzjoni.

Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Konferenza tal-Partijiet, peress li l-emendi għall-Appendiċi jorbtu lill-Unjoni u bosta deċiżjonijiet oħra jkunu jistgħu jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tal-liġi tal-Unjoni, b'mod partikolari r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom, u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 792/2012 li jstipula regoli għat-tfassil ta' permessi, ċertifikati u dokumenti oħrajn ipprovduti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006.

- (4) Il-pożizzjoni proposta li għandha tittieħed fuq il-proposti differenti qabel il-Konferenza tal-Partijiet hija bbażata fuq analiżi esperta tal-merti tagħhom, fid-dawl tal-aqwa evidenza xjentifika disponibbli, kif ukoll fuq il-livell tal-allinjament tagħhom mar-regoli u l-politiki rilevanti tal-Unjoni.

⁴ ĠU L 75, 19.3.2015, p. 1-3.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fit-18-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispicijiet ta' Fawna u Flora Selvaggi fil-Periklu hija stabbilita fl-Annessi.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*